# Smigħ Tikka Malti 5b

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq merlinpublishers.com/podcasts/tikkamalti-5b/**

*Paġna 10*

**Il-Verb Kwadrilitteru** *ta' Trevor Żahra*

Għalkemm il-kwadrilitteru
B'erba' saqajn armat,
Jimxi dejjem IFEKREN
U JKAXKAR mat-triqat;
IĊEQLEM, IKARKAR, JITĦAXKEN …
Qal f'qalbu, b'ħarstu 'l isfel:
"Aħjar li kont Trilitteru,
NAQBEŻ, NILGĦAB u NIŻFEN!"

*Paġna 18*

**Mill-Għerien għat-Torrijiet**

Ħafna u ħafna żmien ilu, il-Maltin kienu jgħixu fl-għerien. Mhux faċli nimmaġinaw kif kienu jgħixu. Ma kellhomx l-affarijiet li għandna llum bħad-djar li ngħixu fihom mimlija b'ħafna għamara sabiħa u kumditajiet oħra li ftit li xejn naħsbu dwarhom. La kellhom elettriku u lanqas kellhom karozza li toħodhom minn post għall-ieħor. *(par. 1)*

Imma dak kien żmien ieħor. Minkejja li ma kellhomx il-kumditajiet li għandna aħna, xorta waħda kellhom l-ikel u l-ilma. Kellhom anki l-ħwejjeġ li kienu jagħmluhom mill-ġlud tal-annimali. Ikolli ngħid, kellhom ħajja verament sempliċi u trankwilla. Ma taħsibx? *(par. 2)*

Ftit ftit in-nies, u xejn anqas il-Maltin, bdew iħossu l-bżonn li jkollhom post għalihom u għall-familja tagħhom u għalhekk bdew jibnu l-għerejjex biz-zkuk. Il-fdalijiet ta' Skorba huma xiehda ta' dan. It-tempju ta' Skorba qiegħed fil-limiti tal-Imġarr, Malta, u meta ġie eskavat, instabu wkoll fdalijiet ta' għerejjex kif kienu jgħixu l-Maltin ta' dak iż-żmien, jiġifieri 3600 qabel Kristu. *(par. 3)*

Maż-żmien bdew jibnu kmamar bl-injam u iktar tard kmamar bil-ġebel li ma kienx raffinat. Bil-mod il-mod, il-bini ħa forma ta' dar żgħira b'sular wieħed magħmula mill-ġebla tal-franka raffinata. *(par. 4)*

F'pajjiżna għadek tara djar b'sular wieħed imma mhux wisq. Ftit ftit, il-Maltin ħassew il-bżonn li jibdew jibnu djar b'żewġ sulari u anki bi tlieta. Min hu sinjur ikollu anki villa b'xi pixxina! Imma, donnu iktar ma jgħaddi ż-żmien id-djar qed jibdew jonqsu bil-mod il-mod. Id-djar antiki qed jitwaqqgħu biex flokhom jittellgħu appartamenti. Id-djar kbar qed jitwaqqgħu wkoll biex flokhom jibnu l-flettijiet. U hekk, illum, ħafna Maltin jgħixu f'appartamenti li jagħmlu parti minn blokka kbira qisha torri għoli. Uħud minnhom daqt jilħqu s-sema! *(par. 5)*

Maż-żmien, Malta nbidlet ħafna. Bqajna nibnu kullimkien u b'riżultat t'hekk naqset il-kampanja u l-għelieqi, naqsu s-siġar u niġġisna l-arja ta' pajjiżna. U ma nafx min hu l-iktar bniedem kuntent — jekk hux dak tal-lum jew ta' eluf ta' snin ilu. *(par. 6)*

*Paġna 35*

**Ġaħan u l-Qroqqa**

Min ma semax b'Ġaħan? Ġaħan jagħmel ħafna praspar. Darba waħda omm Ġaħan twebblet li tixtri qroqqa. Din il-qroqqa tkun tiġieġa li tbid il-bajd u toqgħod fuqu sakemm ifaqqas. Xtrat ukoll ftit bajd biex tpoġġih taħt il-qroqqa mill-ewwel ħalli ma jdumx ma jfaqqas u jkollhom il-flieles. Ġaħan għoġbitu l-idea u beda jimmaġina li se jkollhom miljuni ta' bajd u miljuni ta' flieles, u mbagħad miljuni ta' tiġieġ, sriedaq u dundjani. Skont Ġaħan ma kienx se jkollhom bżonn jaħdmu aktar għax dejjem se jkollhom x'jieklu. Ġaħan ma kienx jimpurtah jekk jieklu tiġieġ għall-kolazzjon, tiġieġ għall-ikla ta' nofsinhar u tiġieġ għall-ikla ta' filgħaxija. Anke mat-te tal-erbgħa ikun tajjeb it-tiġieġ! *(par. 1)*

Imma mbagħad beda jaħseb li jekk ikollhom ħafna bajd, jistgħu jbigħuh u bil-flus jixtru l-ħobż u l-melħ. Kellu l-pjan kollu mfassal f'moħħu. Issa din ommu xtrat il-qroqqa u l-bajd mingħand il-ġara. Kif marret lura d-dar talbitu jġib kannestru vojt minn fuq u kif wasal qaltlu biex dak il-kannestu jimlieh bit-tiben u jpoġġi l-bajd fuq it-tiben. Aktarx, għall-ewwel darba f'ħajtu, għamel eżatt kif qaltlu ommu. *(par. 2)*

Dak il-lejl raqdu bil-kwiet … ħlief Ġaħan, li baqa' joħlom bil-bajd. Kif qam mill-ewwel mar jitma' l-qroqqa. Niżel fil-kantina, qala' l-qroqqa minn postha u taha x'tiekol. Ommu kienet wissietu biex ma jħallix il-bajd jiksaħ u allura poġġa fuqu hu. Dak il-ħin sema' xi ħsejjes. Ġaħan ħaseb li l-bajd irid iktar sħana u allura iktar għafas fuqu sa ma reġa' sema' l-istess ħsejjes. Kemm feraħ Ġaħan! Ħaseb li dawk il-ħsejjes kienu tal-bajd qed ifaqqas. Ħaseb li billi poġġa fuqu hu, saħnu iktar malajr, u l-flieles bdew ifaqqsu. *(par. 3)*

Imma ftit mumenti wara Ġaħan ħass xi ħaġa mxarrba. Kif qam bilwieqfa baqa' b'ħalqu miftuħ għax intebaħ li l-bajd kien inkiser u l-kannestru kien mimli isfar tal-bajd. Ġaħan iktar iċċassa xħin ftakar li ħolom li se jsiru sinjuri u għajjat lill-ommu biex tara d-deheb li ħareġ mill-bajd. Omm Ġaħan tgħidx kemm għajtet għax din id-darba kien tassew għamel froġa! *(par. 4)*

*Paġna 37*

**Ġaħan u l-Pirati**

Min ma semax b'Ġaħan? Ġaħan jagħmel ħafna praspar. Jivvintahom! Omm Ġaħan kienet tagħtih ħafna pariri u tipprova tgħinu kemm tista'. Kienet tħeġġu biex isib xogħol imma ħadd ma ried jimpjegah. Darba omm Ġaħan ħeġġitu biex imur idur id-dinja … u hekk għamel! Dam għaddej mhux ħażin u mexa fuq li mexa. Qasam pajjiżi kbar u ma kienx hemm muntanja li ma telax fuqha jew wied li m'għaddiex minnu. Darba waħda, waqt li kien fuq il-baħar, Ġaħan iltaqa' ma' bastiment tal-pirati. Kif ra lil Ġaħan, il-Kap tal-Pirati beda jgħajjat …

*Paġna 41*

1. Pinġi s-swar madwar il-Belt.
2. Pinġi bandiera fuq is-swar.
3. Pinġi n-nies max-xatt.
4. Pinġi dgħajsa fil-baħar.
5. Pinġi x-xemx fis-sema.

*Paġna 54*

**Il-Victory Kitchen**

Ir-ringiela ta' nies jistennew għall-Victory Kitchen serrpet mat-toroq imħarbta. Dil-Victory Kitchen kienet waħda minn ħafna li l-gvern waqqaf biex jitma' 'l-Maltin bil-ġuħ. Ġieli kienu jdumu jistennew sigħat sħaħ għal loqma. Teresa ma kinitx tkun taf x'se jmisshom. Xi drabi kien ikollhom l-istuffat u drabi oħra s-sardin, il-fażola, jew anke laħam xieref tal-mogħża bis-suf għadu mwaħħal. Imma dak kien l-ikel fi żmien il-gwerra u Teresa ħasset l-istonku jgerger bil-ħsieb li trid tiekol. *(par. 1)*

"Kif inhi s-Sinjorina ċkejkna Teresa llum?" staqsiet is-Sinjura Vassallo filwaqt li qarsitilha ħaddha. Il-mamà dejjem kienet tgħallimha li għandha tirrispetta lil min hu akbar minnha. Anke lil dawk li jdejjquha għax joqorsulha wiċċha.
"Tajba, grazzi."
"U kif inhi l-mamà?"
"Qed tqatta' ħafna ħin l-isptar."
"Dawk il-Ġermaniżi qed ituha x'tagħmel, hux?"
Is-Sinjura Azzopardi ħarset lejn is-sema safi. "Ma bbumbardjawniex illum. Tgħid qatgħu qalbhom?" *(par. 2)*

Intant kienu waslu fuq quddiem tar-ringiela. Is-sorijiet tal-velu l-abjad kienu qed iqassmu l-ħobż u jferrgħu l-minestra minn borom enormi. In-nisa resqu f'ġenb u poġġew fuq ħajt baxx. Is-Sinjura Azzopardi berrqet lejn l-iskutella. Is-soppa kienet ilma, bi ftit piżelli u karrotti jgħumu fil-wiċċ. "Mhux xi ikla prima, hux?"
"Irridu nkunu grati li tal-inqas għandna din." Is-Sinjura Vassallo ppruvat tkun pożittiva. *(par. 3)*

Il-ħobż ta' Teresa kien stanga u kellu riħa stramba ta' kamra qadima mimlija moffa. Naqqret insett li kien inħema fih. "Il-ħobż jintiegħem itjeb bih," qabdet magħha s-Sinjura Gatt.
"Agħar żgur ma jistax ikun," kemmxet xufftejha s-Sinjura Azzopardi. *(par. 4.)*

Is-Sinjura Vassallo daqet tikka soppa u sellmet lil raġel fir-ringiela. "Xi wħud jgħadduha aħjar minn oħrajn. Smajt li Żeppi Muscat kien qed ibigħ il-bettieħ għaxar darbiet tal-prezz normali." *(par. 5)*

In-nanna tkerrhet. "Hafna minna jissieltu biex jgħixu waqt li hu qed jaqlagħha tajjeb." "Mhux sew," għajtet Teresa. "Messu jaqsam dak li għandu ma'ħaddieħor." Imma lanqas laħqet spiċċat il-kelma li ma nstemgħetx id-daqqa qawwija familjari tal-qniepen bħala twissija ... u ftit wara l-karba tas-sirena tal-air raid. *(par. 6)*

*Silta addattata mill-ktieb* Teresa *ta' Deborah Abela,*
*addattat għall-Malti minn Leanne Ellul u Clare Azzopardi*

*Paġna 70*

**L-ewwel parti**

Kont rieqed għall-kwiet fuq il-pultruna meta Anabelle daħlet tiġri fil-kamra. Qbiżt minn fuq il-pultruna u mort nindiehes magħha. Refgħetni bil-ħlewwa u bdiet iżżiegħel bija. Skantajt, għax mhux is-soltu tagħha tagħti kasi. Anabelle dejjem għaddejja minn xogħol għal ieħor bla sabar. Dejjem qisu għandha l-molol. Kieku tieħu d-dinja ftit aktar bil-kalma kif nagħmel jien u ssib ħin għal raqda fuq pultruna, kieku żgur li tibda tħossha aħjar. Bit-tmellis tagħha għajni marret bija imma ... ma domtx noħlom wisq. Telqitni mal-art bis-sabta; instemgħet il-qanpiena tal-bieb iċċempel, u Anabelle niżlet it-taraġ sitta sitta. U jien erġajt mort kobba fuq l-ikbar ħabiba tiegħi: il-pultruna!

*Silta addattata minn* Il-Kitba Kreattiva *ta' Trevor Żahra*

**It-tieni parti**

Kif rajt għajnejn Anabelle jħarsu lejja ħassejtni niksaħ. Issa x'se nagħmel? Kif se ngħidilha li jien dħalt f'koma u ma nistax ngħinha ... anzi trid tkun hi li tgħinni. Ittamajt li tintebaħ li qalbi waqfet. Imma Anabelle kienet medhija ma' Ginger, il-qattus. U dak ftit jimpurtah minni. Kultant bdiet tagħtini titwila minn taħt imma mhi tintebaħ b'xejn. U aktar ma jgħaddi l-ħin aktar il-paniku jiżdiedli. Fil-kamra hawn sikta kbira. Sikta tal-waħx. Imma kif ħadd mhu jinduna biha din is-sikta? Is-sikta biss tista' tnebbaħ lil Anabelle li jien bla saħħa. Iżda Ġinġer, issa beda jħarħar u Anabelle żgur mhix se tħoss is-sikta tiegħi. Imbagħad qamet bil-ħasda. Resqet wiċċha ma' wiċċi. Berrqet għajnejha. Sa fl-aħħar intebħet. Indunat. Salvani Anabelle! Imma mhix tismagħni. Ċemplet il-qanpiena tal-bieb u Anabelle warrbet tiġri minn ħdejja wara li tatni ħarsa kerha li nifditni.

*Silta addattata minn* Il-Kitba Kreattiva *ta' Trevor Żahra*

*Paġna 92*

**Deborah Abela — kittieba tat-tfal**

Deborah Abela twieldet Sydney fit-13 ta' Ottubru 1966. Deborah hija awtriċi Awstraljana ta' diversi kotba għat-tfal u ż-żgħażagħ! L-għaxqa tagħha tikteb u taqra l-istejjer.

Deborah għexet ukoll Londra u daret diversi postijiet madwar id-dinja bħall-Iskozja, Sri Lanka, l-Indja, Spanja u diversi postijiet fl-Afrika. Kif tgħid hi stess, l-avventura tmut għaliha. Fl-Afrika nqabdet f'maltempata tar-ramel, attakkawha x-xadini u spiċċat il-ħabs darbtejn.

Minbarra l-qari, il-kitba u s-safar Deborah tħobb l-għawm u l-yoga, issajjar u tirkeb ir-rota, kif ukoll titgħallem affarijiet ġodda. Kieku mhix awtriċi Deborah probabbilment titla' l-muntanji jew issir astronawta … għalkemm tibża' mill-għoli.

Meta kienet ċkejkna l-iskola kienet għal qalbha immens. Kienet tħobb l-iktar l-Ingliż u d-drama. Saret għalliema, imma ma waqfitx tistudja. Reġgħet daħlet l-Università biex tistudja l-Komunikazzjoni u bdiet tikteb u tipproduċi l-programmi għat-tfal fuq l-istazzjon nazzjonali. Minn hemm bdiet tikteb il-kotba ferm popolari għat-tfal fosthom is-serje ta' *Max Remy*, *Jasper Zammit* (l-istilla tal-futbol), is-serje *Ghost Club* u *The Remarkable Secret of Aurelie Bonhoffen*. Żewġ rumanzi oħra tagħha jisimhom *Grimsdon* u *New City* u t-tnejn li huma għandhom x'jaqsmu mal-bidla fil-klima.

Fost il-kotba kollha ta' Deborah, żgur li smajtu b'*Teresa: A New Australian*. Dan il-ktieb imsemmi għan-nanna tagħha kien ispirat mill-istorja ta' missierha li għex it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-qraba ta' Deborah huma Maltin u Deborah mhux l-ewwel darba li ġiet Malta! Fl-2016 saħansitra ppubblikat il-verżjoni tal-ktieb bil-Malti u tkellmet dwaru fil-Palazz tal-President ta' Malta.

Żewġ kotba oħra importanti ta' Deborah huma *The Stupendously Spectacular Spelling Bee* u *The Most Marvellous Spelling Bee Mystery*. Wieħed minnhom inqaleb għall-Malti wkoll! Deborah tgħid li ż-żewġ kotba kienu ispirati minn Miss Gray, l-għalliema tagħha tar-raba' sena tal-primarja li ħalliet marka kbira fuqha u li magħha l-ortografija qatt ma kienet tad-dwejjaq!

Deborah rebħet diversi premjijiet għall-kotba tagħha u llum iddur ħafna u ħafna skejjel biex tiltaqa' mat-tfal u taqralhom l-istejjer. Hija wkoll ambaxxatriċi kburija tal-inizjattiva *Room to Read*.